# Xogħol Ġużeppi Calì fil-Bażilka ta' Sant'Elena

Mario Fenech

Huwa fatt magħruf sew minn kulħadd li dak li jsir fil-knisja monumentali ta' Sant'Elena ta' Birkirkara, jsir wara studji bir-reqqa dwar min se jkun jagħmel ix-xogħol, kif ukoll xi kwalità ta' riżultat se jkollu x-xogħol li jkun se jsir.

Kull min ġie mqabbad biex jagħmel xi opra matul is-snin, ħareġ l-aħjar tiegħu biex illum f'din il-knisja wieħed isib armonija sħiħa f'dak kollu li hemm fiha.



Wieħed mill-artisti l-kbar li ħadem fil-knisja ta' Sant'Elena kien il-pittur Ġużeppi Calì. Ix-xogħlijiet tiegħu fil-Bażilika huma: *Sant'Elena Tqim is-Salib* li jinsab fl-apise ewlenija ta' fuq il-kwadru titulari tal-kor, xogħol li għamlu fl-1883; *Il-Missier Etern u Sitt Anġli Żgħar* fl-apside tal-kappella tad-Duluri, li għamel fis-sena 1898; u l-kwadru ta' fuq l-altar ta' *San Ġużepp,* li għamlu fis-sena 1912. Hawnhekk naraw kif meta Calì kien ipitter lil dan il-Qaddis Kbir, dejjem kien joħroġ l-aħjar kapaċitajiet artistiċi tiegħu. Dan narawh mhux biss f'dan il-kwadru ta' Birkirkara, iżda wkoll fin-numru ta' kwadri ta' San Ġużepp li pitter għal knejjes oħrajn.



Ġużeppi Calì kellu tmien ulied u spiss kien isib l-okkażjoni biex jinkludihom bħala mudelli fil-kwadri tiegħu. Kien hemm ukoll okkażjonijiet fejn mhux biss pinġa lilhom, iżda wkoll lilu stess. Eżempju ta' dan narawh meta pinġa ritratt tiegħu liebes ta' Kardinal fit-



tila tas-saqaf ta' San Franġisk ta' Putirjal, il-Belt Valletta. Meta pinġa l-apside ta' fuq l-altar tad-Duluri f'Birkirkara, huwa pinġa ritratt tiegħu fin-nofs bħala l-figura tal-Missier Etern, b'ħarsa ta' awtorità filwaqt li fuq kull naħa tiegħu hemm ritratti ta' tlitt itfal rappreżentati bħala Anġli. Dan jixhdu x-xebh li hemm fl-uċuh tas-sitt Anġli.

Fl-apside ta' fuq il-kwadru titulari ta' Santa Liena, Calì pitter lill-qaddisa fuq in-naħa tal-ġenb, tal-lemin ta' min ikun qed iħares, biex ma jnaqqas xejn mill-importanza tas-Salib Imqaddes li qiegħed jinżamm merfugħ 'il fuq minn Anġlu, filwaqt li Anġlu ieħor qiegħed iżomm il-bandiera tar-reliġjon rebbieħa fuq ix-xitan. It-tielet anġlu f'dan ix-xogħol jidher qed iżomm f'idejh kitba simbolika ta' dak li kienet temmen fih il-Qaddisa.




F'dan ix-xogħol tiegħu Calì ma tantx kellu spazju fejn jimraħ bil-pniezel tiegħu, għalhekk pinġa erba' figuri biss. Fiċ-ċentru tax-xena pinġa l-iSpirtu s-Santu b'dija ta' kulur dehbi ħierġa minn madwaru. Calì kien kapaċi joħroġ l-aħjar tal-messaġġ tax-xena li kien qiegħed ipinġi mingħajr ma joħloq ħafna kuluri u movimenti bla bżonn.

Permezz ta' dawn ix-xogħlijiet tiegħu fil-Bażilka Elenjana, Ġużeppi Calì kompla fejn kienu ħallew bosta artisti kbar oħrajn li kienu diġà taw i-sehem sħiħ tagħhom biex isebbħu dak it-tempju li l-Karkariżi kienu bnew b'tant sagrifiċċju ad unur il-Patruna tagħhom.


# DON JUAN
## Ironmongery & Petshop

*Charlo Fenech*

*Triq Tumas Fenech, Birkirkara Tel: 2701 3475*